**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 016/2021**

14 ta' Diċembru 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Viċi-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgħa

### 16.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

16.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kienet intbagħtet mill-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett li permezz tagħha, il-Kunsill Lokali ġie mitlub jiġġustifika n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett mis-Seduta għal raġunijiet ta' studju. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett kellu jiġi meqjus bħala ġustifikat.

### 16.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

16.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 15/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

16.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli issekondata mis-Sur Johann Scerri, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

16.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**16.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

16.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-proġett ta' school grannies li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jimplimenta kien qiegħed ikollu rispons ferm pożittiv. Hija ziedet tgħid illi matul Dicembru 2021, kien sar proġett bejn l-istess *school grannies* u d-dar tal-anzjani ta' Bormla fejn materjal li kien sar minn residenti tad-dar tal-anzjani kien ġie mqassam lit-tfal tal-iskejjel mill-ischool grannies. Is-Sa. Zerafa Civelli qalet illi flimkien mal-Ministeru responsabbli kienet għaddejja ħidma bil-għan illi tinħareġ sejħa sabiex jinstabu aktar anzjani li jkunu jridu jservu bħala *school grannies*.

16.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi f'isem il-Kunsill Lokali kienet attendiet għal Jum il-Kalkara.

16.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien issottometta għal titjib ta' playing field fiż-żona ta' Fuq Verdala kienet ġiet aċċettata u l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jibbenefika minn madwar sebgħa u għoxrin elf ewro.

16.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu għaddejjin hekk kif ippjanat l-attivitajiet li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jippjana illi jorganizza għal żmien il-Milied.

16.3.5 Is-Sindku rringrazzjat lill-Viċi-Sindku illi kien ħa ħsieb illi jinġabru fondi għall-Malta Community Chest Fund u kkordina attivita' ta' għoti ta' rigali fl-okkazjoni tal-inizjativa Rigal b'Imħabba.

16.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu qiegħdin isiru l-arranġamenti meħtieġa bil-għan illi ħaddiema tar-raġjun port iwettqu xogħol fil-lokalita' meta jkunu disponibbli.

**16.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

16.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa " Jista' l-Kunsill Lokali jiġi aġġornat dwar deċiżjonijiet li ttieħdu fis-seduta preċedenti?"
Is-Segretarju Eżekuttiv dar il-minuti ta' seduta numru 15 u informa lill-Kunsill Lokali bl-azzjonijiet li kienu ttieħdu.

**16.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

16.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru011/21) ghall-approvazzjoni.

16.5.2 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondat mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

16.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' Ottubru/ Novembru 2021.

16.5.4 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**16.6 Mozzjonijiet**

16.6.1 Mozzjoni numru 29/2021 (VIII)
Qed inressaq din il mozzjoni biex nitolbu lill-awtoritajiet concernati sabiex Zebra crossing li hemm fi triq 8 Ta Dicembru bejn Bormla u l-Birgu tigi nstallata Pelican lights

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Alison Zerafa Civelli

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

16.6.2 Mozzjoni numru 30/2021 (VIII)
Kif kont qsamt il hsieb maghkom waqt korrispondenza precedenti anke via l link ta bejnietna, ghas seduta li jmiss ser inkun qed inressaq din il mozzjoni, f forma wkoll ta suggeriment li tirrigwarda l indafa in generali, aspett li fl opinjoni wkoll tal hafna complaints li jidhlu baqa mhux jintlahaq progress anke jekk l isforz tal amministrazzjonijiet rispettivi huwa enormi forsi dan qed jigri wkoll ghal diversi

ragunijiet li huma wkoll konformi belt konfini ma ohra, feeling li sfortunatament baqa negattiv fuq livell distrettwali li dak li nwettqu qed jigi mxekkel propju habba dawn it temi kkankrati ta kuljum madwarna.

Ser inkun qed nissugerixxi li dawn it temi cioe' knies, gbir tal iskart kif ukoll il bulky refuse jew forsi anke ohrajn li thossu intom ukoll relatati ma l indafa jibdew jigu sorveljati fuq livell distrettwali anke bil kuntratturi rispettivi li izda tibqa wkoll l awtonomija ta kull Kunsill rispettiv imma b aktar serjeta tramite kumitat kompost propju fuq livell distrettwali taht Hub u kumitat ta azzjoni wiehed fl interess komuni ta kulhadd.

Ovjament, id diskussjonijiet necessarji dwar l ahjar formula marbuta ma dan il kuncett gdid, jigu inizjalita bi stedina mis Sindku taghna flimkien mal Kunsilli kollha distrettwali u bil PR necessarju fil media kollha meta l mument ikun propizju.

Personalment, ser inkun qed noffri lili nnifsi voluntier fil kumitat propost, spalla ma spalla wkoll mas Sindku taghna Alison u l bzonn tad distrett kollu.

Ghaldaqtant, qed nipproponi li dan is suggeriment jigi fuq il mejda tal Kunsill taghna, fis seduta li jmiss halli mis sena d diehla nippruvaw nibdew naghtu nifs gdid ghal din il pjaga fejn ser nergu nkunu ahna, bhala l kunsill primattur ghal ghaqda u aktar serjeta'fejn jidhlu dawn is servizzi ndikati taht hub wiehed ghal gid tac cittadini taghna lkoll.

Is-Sindku ghaddiet proposta sabiex ikun hemm emenda u minflok il-kelma "distrettwali" titnizzel il-kelna "regjonali".
Is-Sur Johann Scerri ssekonda l-emenda li giet approvata b'votazzjoni unanima.

Fuq proposta tal-Kunsillier James Cauchi ssekondata mis-Sur Johann Scerri u b'votazzjoni unanima il-Kunsill Lokali approva l-mozzjoni hekk kif emendata.

**16.7 Estimi Finanzjarji**

16.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif mehtieg, flimkien mal-amministrazzjoni u l-accountant, kien inhadem abbozz ta' estimi finanzjarji ghas-sena 2022, liema estimi kienu gew diskussi waqt il-laqgha annwali tal- lokalita'. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega d-dokument abbozzat li kien gie mpoggi fuq il-mejda ghad-diskussjoni.

16.7.2 Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega lill-Kunsilliera prezenti l-kontenut tad-dokument imsemmi u wiegeb mistoqsijiet li saru mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat mill-Kunsilliera Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

**16.8 Rapporti**

16.8.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performance appraisal* ghal Assistent Ufficjal Principali ghas-sena 2021. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet hidmet l-impjegat mas-Segretarju Ezekuttiv, kien qieghed jigi rakkomandat illi jinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-impjegata kellha tinghata l-massimu tal-performance bonus hekk kif rakkomandat.

16.8.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performance appraisal* ghal skrivana fi skala 15 ghas-sena 2021. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet hidmet l-impjegata mas-Segretarju Ezekuttiv, kien qieghed jigi rakkomandat illi tinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-impjegata kellha tinghata l-massimu tal-performance bonus hekk kif rakkomandat.

16.8.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performance appraisal* ghal skrivana fi skala 15 ghas-sena 2021 ( liema skrivana giet ingaggjata f'Ottubru 2019). Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet hidmet l-impjegata mas-Segretarju Ezekuttiv, kien qieghed jigi rakkomandat illi tinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-impjegata kellha tinghata l-massimu tal-performance bonus hekk kif rakkomandat.

16.8.2 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghal talba li kienet tressqet sabiex tigi organizzata attivita' bl-isem ta' "The Tree Cities 10k road race".
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi talba li kienet giet sottomessa b'konnessjoni ma' cirkulari numru SPI/SCI/02/2021 kienet giet accettata u l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jibbenefika minn madwar Ewro 27 000 sabiex jimplimenta progett fiz-zona ta' Fuq Verdala.
- Kien hemm qbil illi proposta sabiex jittella' kuncert fl-epifanija ma kellhiex tigi milqugha mill-Kunsill Lokali.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol fi spiza ta' madwar mitejn ewro bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jorganizza kors ta' yoga fil-lokalita'.
- Wara li l-Kunsill Lokali gie pprezentat bi stimi li kienu ngabru sabiex jinbena mill-gdid monumenti li kien hemm fi Triq l-inkoronazzjoni, gie deciz illi l-istess Kunsill Lokali kellu jaccetta l-orhos fost l-istimi migbura, liema stima kienet tammonta ghal Ewro3245.

**16.9 Attivita' Milied 2021**

16.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kienu ghaddejjin il-preparamenti sabiex matul Dicembru 2021, hekk kif ippjanat tittella' l-attivita' 'A legend in the city'. Is-Sa.

Zerafa Civelli stiednet lis-Sinjuri Marco Agius u Johann Scerri, li kienu qieghdin jahdmu fuq l-attivita' sabiex jaggornaw lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

F'dan l-istadju hareg mill-kamra tas-seduta il-Kunsillier Marco Agius (19:10)

Is-Sur Johann Scerri aggorna lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru sabiex tittella' l-attivita' msemmija

**16.10 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

16.10.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-7:30 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-13 ta' Jannar 2022 fil-5:30 p.m.

Ikkonfermati llum 13 ta' Jannar 2022

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |